MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Numru. 560/2000

PULIZIJA
SPETTUR NEIL HARRISON
SPETTUR SIMON GALEA
VS
LEON DAVID MADDEN

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Leon David Madden, ta' 20 sena, bin il-mejjet Leon David u Adelgisa nee' Borg, imwieled Attard fit-13 ta' Settembru 1979, u residenti No 7, Anina Flats, No 1, St Valentine Street, Balzan, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 432979(M), u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-2 t'Awissu 2000 u fix-xhur qabel din id-data:

(a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/I, jew ghal persuna/i, minghajr ma kellu licenzja

mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi skur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern ta' Medicini Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement ammendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

(b) biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza

(c) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta, li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement ammendati, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

(d) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis u dan bi ksur tal-Artiklu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

(e) kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew parti minnha, bi ksur tal-Artiklu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

(f) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (LSD), meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, kif

sussegwentement ammendat u 40A u 120A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artiklu 16 tal-Att V tal-1985 kif ammendat
(g) ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 t'Awissu 2000, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Jason Sammut, iben Emanuel u Carmela nee' Zammit, imwieled Pieta' fis-16 ta' Jannar 1976, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 155676(M)

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-spejjes li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, skond l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tal-4 t'Awissu 2000.

Rat il-kontra ordni tal-Avukat Generali tal-21 ta' Frar 2003.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tat-3 ta' Novembru 2003 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat il-'pre-sentencing report' tal-'probation officer' Ivan Scicluna, a fol 407.

Rat l-ammissjoni tal-imputat tal-akkuzi b, c, d, e u f, u cioe' kull akkuza ghajr dik ta' traffikar, cioe' l-akkuza (a), u l-akkuza (g), u cioe' omicidju nvolontarju ta' Jason Sammut.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni tas-17 ta' Dicembru 2004.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta’ referenza tal-imputat Leon David Madden tat-18 ta’ Marzu 2005.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi fit-2 t’Awissu 2000 il-Pulizija kienet gabet informazzjoni mill-Casualty Department, illi x’aktarx kien hemm zaghzugh illi miet b’’overdose’ f’fond indikat 116 Brared Street, B’Kara. Hawnhekk sabu lil Jason Sammut, ta’ 24 sena, ID Card number 480638(M), fil-kamra tas-sodda minghajr sinjali ta’ hajja. Dr Joseph Scicluna rrilaxxa certifikat tal-mewt ta’ Jason Sammut fejn ma rrizultawx sinjali ta’ vjolenza esterna fuqu.

Illi minn investigazzjonijiet preliminari rrizulta wkoll mis-Supretendent Harrison illi l-imputat kien ukoll fil-periklu tal-mewt, liema zaghzugh kien qieghed ukoll fil-kumpanija ta’ Jason Sammut. Giet mitkellma Carmela Sammut omm Jason, illi stqarret mal-Pulizija ilil t-tifel taghha kien irritorna mix-xoghol ghal habta tas-sebgha ta’ filghaxija u kien gie d-dar ma’ habib tieghu (l-imputat), ghax kienu hbieb sewwa, li kienu hargu fil-vettura tal-imputat Sierra, qalulha li se jmorru jigbdu xi flus u rritornaw lura ghal habta ta’ xit-tmienja u kwart ta’ filghaxija u nqaflu fil-kamra tat-tifel taghha Jason. **Xi hin wara, hija marret thabbat fuq il-bieb pero’ ma rrispondiha hadd u f’xi hin wara kien hareg l-imputat Madden jghajjat ghall-ghajnuna.** Filfatt Carmen Sammut qalet illi kif dahlet fil-kamra sabet lit-tifel taghha mixhut mal-art u deher illi kien mejjet, u giet imsejjha l-ambulanza minn xi familjari. Madden ukoll ittiehed l-isptar fl-ambulanza.

Kienet infethet inkjesta, mill-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona, li kien hatar diversi esperti. Fuq il-post kienet saret tfittxija minn diversi membri tal-iskwadra ta’ kontra d-droga, inkluz WPS 102, PC 1491, PC 241 u PC 657 fejn gew elevati diversi oggetti li ghandhom x’jaqsmu mat-tisjir tal-eroina, diversi qratas, borza bic-‘citric acid’, erba’ siringi u kwantita’ zghira ta’ tabakk u raza tal-Cannabis.

Gew ukoll elevati mill-Pulizija zewg ‘mobile phones’ tal-mejjet Jason Sammut kif ukoll dak tal-imputat Madden.

Saret ukoll tfittxija fil-karozza tal-imputat Suzuki Sierra, numru tar-registrazzjoni CAL534 pero’ ma nstab xejn irregolari fiha.

Mix-xhieda tas-Supretendent Harrison jirrizulta illi waqt illi l-Pulizija kellhom fil-pussess taghhom il-‘mobile phones’ ta’ Sammut u ta’ Madden, il-‘mobile phone’ ta’ Jason Sammut daqq diversi drabi, li ghamel xi tnax-il telefonata, u sussegwentement il-‘mobile phone’ tal-imputat Madden beda jdoqq, u xeghlet fuqu l-kelma ‘Matthew’ u n-numru 99459547. Dan il-persuna Matthew bl-istess numru cempel ukoll diversi drabi fuq il-‘mobile phone’ ta’ Jason Sammut. Ftit hin wara gie fuq il-post certu Matthew Abela, u staqsa lill-Pulizija PC 1013 u PC 1491 x’kien gara ezattament. Peress illi l-Pulizija kellhom suspett illi dan kien l-istess Matthew illi beda jcempel fuq iz-zewg ‘mobile phones’, dan Matthew Abela gie arrestat fuq il-post. Giet arrestata wkoll it-tfajla tieghu certu Annabelle Gauci Borda. Saret tfittxija fil-vettura ta’ dan Matthew Abela illi kienet Volkswagen Polo, DBF628 fejn fiha l-Pulizija elevaw ‘mobile’ bin-numru 99459547, u ghaldaqstant, il-Pulizija kkonfermaw illi kien l-istess Matthew Abela illi kien qieghed icempel fuq il-‘mobile phone’ ta’ Jason Sammut u dak tal-imputat Madden, fejn ukoll gie konfermat mill-espert nominat mill-Qorti.

A fol 35 u 36, is-Supretendent Harrison spjega lill-Qorti kif ikkonferma illi l-persuna bil-laqam Koku minn Hal Qormi, kien filfatt il-persuna illi kien qed icempel fuq il-‘mobile’ tal-imputat, u kif il-Pulizija waslu ghall-konkluzjoni li dan kien Adrian Bianci minn Hal Qormi illi kellu karozza blu Ford Escort XR3. Saret tfittxija fir-residenza tal-istess Adrian Bianci, u cioe’ 54, St Betley Street, Hal Qormi, fejn instab ‘mobile phone’ illi kien registrat fuq Borg Transportation Ltd, Lugano Street, B’Kara. Gie arrestat Adrian Bianci u saret tfittxija fid-dar tieghu illi rrizultat fin-negattiv.

Adrian Bianci gie arrestat u gie elevat minn fuq il-persuna tieghu ‘mobile’ bin-numru 09470571. Minn iktar

investigazzjonijiet tal-Pulizija jirrizulta illi l-istess Adrian Bianci kellu garaxx fi Triq l-20 ta’ Jannar, Hal Qormi stess, u l-Pulizija tat-taqsima ta’ kontra d-drogi wettqu tfittxija fl-istess garaxx fejn ma nstab xejn irregolari hlief li nstab pitazz illi fih kellu pagni mqattghin. Dan gie elevat mill-Pulizija. L-istess Bianci stqarr lill-Pulizija illi kien cempel lil Jason Sammut sabiex jixtri r-raza tal-cannabis minghand l-imputat.

Bianci stqarr lill-Pulizija illi hu kien xtara r-raza tal-cannabis minghand l-imputat u minghand Jason Sammut madwar ghoxrin jew hamsa u ghoxrin il-darba, pero’ kien jixtri aktar minghand l-imputat milli minghand Jason Sammut.

Matthew Abela cahad illi qatt biegh eroina. Giet mitkellma wkoll Annabelle Gauci Borda u din cahdet illi tuza l-cannabis, pero’ kkonfermat il-movimenti ta’ Matthew Abela.

Fit-3 ta’ Mejju, l-Ufficjal Prosekutur investiga lill-imputat fil-prezenza ta’ PS 951 Joseph Tonna. L-imputat ikkonferma illi huwa kien jahdem bhala pustier u li kellu l-‘mobile’ bin-numru 09448334, u kien sid il-karozza Suzuki Jeep CAL534. L-imputat Madden kkonferma illi kien ilu jaf lil Jason Sammut ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena, kienu hbieb hafna, ammetta wkoll illi huwa kien ilu juza’ l-eroina ghal sitt xhur qabel l-incident.  Xehed ukoll illi fil-passat kien gieli jpejjep il-haxixa u li ghamel uzu mill-LSD.

Mistoqsi dwar il-movimenti tieghu fit-2 t’Awissu, l-imputat stqarr illi huwa kien spicca xoghol ghal habta ta’ xil-hdax ta’ filghodu u baqa’ sejjer dritt id-dar tieghu. Ghal habta tas-sebgha u nofs ta’ filghaxija, huwa mar fir-residenza tal-habib tieghu Jason Sammut, 116, Brared Street, B’Kara, u skond ftehim precedenti, wassal lil Jason Sammut il-hotel Metropole biex jiltaqa’ ma’ missier l-gharusa tieghu (illi kienet Ingliza u alloggjata hemmhekk,) fit-tmienja u nofs. Wara l-imputat kellu jmur Paceville ghax kellu jiltaqa’ mat-tfajla tieghu. L-imputat Madden stqarr illi peress illi huwa u l-mejjet Jason kienu weqfin u ma kinux qed jaqghu ‘sick’ iddecidew illi jiehdu **‘a final hit’**:

**‘Suppost kellha tkun l-ahhar darba li niehdu l-eroina, konna ddecidejna illi ma nehduhiex aktar. Ahna siringi kellna diga’ u kellna godda u kellna xi citric acid. Dawn kien izommhom Jason fil-cabinet tal-injam illi jissakkar u li kien fir-rokna tal-kamra. Kien hemm ukoll zewg pipi u xi tabakk, filfatt mat-tabakk kellna bicca blokka (raza tal-cannabis zghira), hrigna mid-dar ta’ Jason u jien irkibt fil-Jeep tieghi. Jason cempel mill-mobile tieghi lil wiehed jghidulu l-Koku, jien dan ma nafx x’jismu, dan il-Koku Jason cempillu minn fuq il-mobile tieghi li n-numru bl-amment ma niftakrux, pero’ jidher imnizzel bhala Koku. Niftakar illi x’hin Jason cempel, jien kont ftit metri boghod minnu. Jason uza’ l-mobile tieghi ghax tieghu seta’ ma kienx qed jahdem tajjeb, u ghalhekk uza’ tieghi. Jien peress illi ma kontx daqshekk vicin, ma stajtx nisimghu sewwa lil Jason jitkellem. Dak il-hin jien kont fil-karozza tieghi u Jason kien gej lura. Jason qalli sabiex nitilqu u mmorru niltaqghu mal-Koku Hal Qormi, hdejn il-pompa tal-petrol. Jien kelli flus fuqi u kif konna on the way kellna nieqfu fil-bank BOV ta’ Fleur de Lys, halli Jason jigbed xi flus minhabba illi kellna nohorgu filghaxija, pero’ kien hemm in-nies jistennew mal-ATM u bqajna sejrin lejn il-pompa tal-petrol ta’ Hal Qormi halli niltaqghu mal-Koku. Il-pompa qeghda f’nofs ta’ triq fl-inhawi tas-showroom tal-karozzi Lada gewwa Hal Qormi, il-Koku kien diga’ qed jistenniena hemmhekk fejn din il-pompa, u jien waqaft u tajtu Lm20, u lil Jason tah zewg qratas bid-droga. Il-qratas tal-eroina kienu maghmula f’karti tal-pitazz u jidhru illi kienu ta’ rigi dojoq.**

**Soqna lejn id-dar ta’ Jason mill-ewwel u kif wasalna fil-kamra, Jason tani wiehed mill-istess pakketti u jien sajjartu f’mgharfa. Wara li sajjart l-eroina, imlejt zewg siringi bl-eroina u mlejt xi 50 kull wahda. L-ewwel ma hadtha kont jien billi taqqabni Jason stess u suppost lil Jason kelli ntaqqbu jien pero’ gara illi rani illi kont sturdejt u Jason hadha wahdu. Jien ma nafx x’gara mill-pakkett l-iehor ghax jien wiehed biss minnhom sajjart. Jien kont unconscious u ma lhaqtx rajtu jehodha, pero’ niftakar illi hin minnhom qomt u sibtu**

**fuq siggu stordut, nahseb illi kienu ghaddew xi siegha pero' miniex cert. Il-labra li kont imlejt jien stess kienet mal-art hdejh. Il-bieb tal-kamra fil-hin illi hadna d-drogi kien il-hin kollu msakkar. Kif rajtu qisu mejjet ippruvajt intih l-ghajnuna billi anke tfajtu mal-art izda ma rnexxilix inqajmu.**
**Kif rajt hekk, nehhejt is-siringi, tfajthom fl-istess cabinet illi jissakkar, u dan ghamiltu sabiex ma naghtix qata' lil ommu, peress illi hi ma kinitx taf illi ha niehdu d-droga. Hrigt mill-ewwel nitlob l-ghajnuna lil ommu u hi giet tigri, u lili baghtitni ghand it-tabib illi joqghod hdejna. Jien ma nafx min cempel ghall-ambulanza, naf illi spiccajt l-isptar.' (ara stqarrija dokument NH1 a fol 21 u 22).**

Fl-istqarrija tieghu, David Madden indika li huwa wkoll kien jixtri l-eroina minghand certu Glenn mill-Belt, u li dan xtara minn ghandu f'hafna okkazjonijiet. L-imputat David Madden gie mistoqsi jekk kemm-il darba qatt biegh droga eroina jew cannabis, u huwa rrisponda s-segwenti:

**'Bieghhejt le, pero' gieli qsamt ma' xi hadd li nkunu xtrajniha flimkien.' (ara xhieda a fol 23).**

A fol 44, l-Ufficjal Prosekutur xehed illi kien kellem lill-imputat wara li dan gie rilaxxat mill-isptar, wara li dan iddahhal l-isptar b'ambulanza ftit wara l-incident. Infatti gie esebit dokument NH li huwa c-certifikat mahrug minn Dr J.Galea tal-isptar San Luqa. Is-Supretendent Neil Harrison xehed illi l-imputat kien semma' li kien xtara l-eroina minghand persuna bil-laqam ta' 'Il-Koku' li jirrizulta li kien Adrian Bianchi, f'zewg okkazjonijiet precedenti fl-ahhar tlett xhur qabel l-incident u semma' wkoll persuna ohra li minn ghandu kien jixtri l-eroina, u cioe' Matthew Galea.

Illi waqt ix-xhieda quddiem il-Magistrat Inkwerenti, l-imputat kien spjega illi huwa kien dakinhar xtara zewgt iqratas, li kienu sajjru l-eroina f'pakkett wiehed u li l-pakkett l-iehor ried bilfors ikun mohbi fil-kamra. Filfatt wara li l-istqarrija giet guramentata mill-Magistrat Inkwerenti, l-imputat kien gie eskortat minn PC 138 u PC

23 fil-fond 116, Braret Street, B'Kara, fejn hemmhekk l-imputat minn gol-kamra tas-sodda, minn bejn il-'covers' tac-CD, li kien maghmul bl-istess manjiera li huwa kien iddeskriva lill-Pulizija (ara xhieda a fol 47). Dan is-'sachet' gie elevat minn PC 239 Joseph Caruana bhala Scene of Crime Officer u gie ffotografat u mghoddi lill-Ispizjar Mario Mifsud.

Is-Supretendent Neil Harrison xehed, a fol 48, illi a prima face, din il-karta tal-qartas kienet tixbah hafna lil pitazz illi gie misjub ghand Adrian Bianchi fil-garaxx tieghu. **Is-Supretendent xehed illi meta gie nterrogat Adrian Bianchi, dan fil-bidu beda jinnega illi huwa kellu xi konnessjoni mal-bejgh ta' eroina, pero' aktar tard matul l-investigazzjonijiet, ammetta illi huwa kien juza' l-eroina u ammetta wkoll li kien il-persuna li biegh iz-zewgt iqratas tal-eroina lill-imputat wahdu (ara xhieda a fol 48), u dan fejn il-pompa tal-petrol maghrufa tal-Gabu Hal Qormi.**

Passi kriminali ttiehdu wkoll kontra Adrian Bianchi u kontra Matthew Abela.

A fol 51, PS 951 Joseph Tonna kkonferma l-istqarrija tal-imputat dokument NH1.

Spettur Simon Galea, a fol 53, xehed illi huwa kien gie nfurmat mill-isptar San Luqa illi fil-fond 116, Triq Braret, B'Kara, kienet mietet persuna x'aktarx b''overdose', illi ghalhekk accedew fuq il-post fejn sabu lil Jason Sammut, u dan gie ccertifikat minn Dr Joseph Scicluna mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Ic-certifikat tal-mewt gie esebit bhala dokument SG. Spettur Galea kkonferma illi Jason Sammut kien misjub minn ommu Carmela Sammut u li kien qieghed fil-kumpanija tal-habib tieghu l-imputat. Spettur Galea kkonferma illi huwa kien informa lill-Magistrat Inkwerenti Dr Micallef Trigona li hatar diversi esperti fl-inkjesta li nfethet. Spettur Galea xehed illi minn indagni illi wettqu l-Pulizija, irrizulta illi l-imputat Madden kellu Jeep bin-numru tar-registrazzjoni CAL 534, li kienet registrata pero' fuq A.Micallef minn Hal Balzan. Saret tfittxija fl-istess vettura mill-Assistant Kummissarju Michael

Cassar u s-Supretendent Harrison, fejn imbaghad ittiehdet ghal iktar investigazzjonijiet.

Twettqet ukoll awtopsja fuq il-katavru ta’ Jason Sammut minn Profs. M.T.Camilleri u Dr Bridgitte Ellul. Saru tfittxijiet fil-kamra ta’ Jason Sammut fejn instabu affarijiet relatati mad-droga. Spettur Galea kien prezenti waqt l-istqarrija u kkonferma illi l-imputat stqarr illi huwa u Jason Sammut kienu jiehdu d-droga flimkien, u li huwa kien heba xi siringi minhabba li kien beza’ mill-familjari tal-vittma (ara xhieda a fol 57).

PS 508 Francis Bezzina, a fol 58, ikkonferma illi huwa kien gie msejjaq fuq ‘overdose’ mill-isptar San Luqa, u li acceda fil-fond 116, Triq Braret, B’Kara, fejn sab lill-mejjet Jason Sammut li kien qed jigi ccertifikat minn Dr Scicluna. PS Bezzina kkonferma li huwa gie nfurmat illi l-imputat David Madden kien ittiehed l-isptar biex jinzamm ghall-kura, u ghaldaqstant, baghat lil PC 381 sabiex joqghod ghassa tieghu. Ikkonferma li sar stharrig fuq il-Jeep Suzuki CAL 534, li wara giet irmunkata lejn il-Kwartieri Generali tal-Pulizija, u esebixxa l-okkorrenza tieghu dokument PS.

Matthew Abela, a fol 62 et seq, ikkonferma illi huwa gie mressaq il-Qorti fuq pussess ta’ cannabis, u stqarr illi huwa kien jaf lill-imputat Madden u gharfu bhala l-imputat prezenti fl-awla, u li dakinhar tal-incident, huwa kien ipprova jcempel lill-imputat Madden biex dan igiblu bicca raza tal-ghaxar Liri Maltin (Lm10) li kienet isservih xi xahrejn. Matthew Abela xehed illi ma setax jaqbdu u kkalkula li cempillu xi tletin (30) darba dakinhar. Huwa xehed, a fol 67, illi kien jaf lil David Madden flimkien mal-mejjet Jason Sammut, u kkonferma illi huwa kien xtara r-raza tal-cannabis minghand l-imputat Madden xi hamsa u ghoxrin (25) darba:

**‘pero’ biss il-flus li kont intih ghax ridt jien kont intihomlu ghax hu li kieku kien ghalih, qatt ma ried il-flus…ghax konna hbieb.’ (ara xhieda a fol 67).**

A fol 68, Matthew Abela kkonferma illi gieli wkoll xtara r-raza tal-cannabis minghand Jason pero' dan gara ftit drabi. A fol 69, Matthew Abela kkonferma illi l-konsenja tar-raza tal-cannabis kienet issir jew f'Paceville jew mid-dar ta' Jason Sammut fi Braret Street, B'Kara. Matthew Abela kkonferma n-numri tat-telefon kemm tal-imputat Madden kif ukoll dak ta' Jason Sammut. Abela kkonferma li huwa qatt ma kkonsma l-eroina u qatt ma xtara l-eroina minghand l-imputat.

A fol 71, Giza Micallef ikkonfermat illi l-imputat ried jibda' program ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga.

Karl Borg, a fol 73, mill-Caritas, ikkonferma illi l-imputat beda jitlob program residenzjali ghall-bidu ta' Ottubru. Gie esebit kopja ta' process verbal tal-mewt ta' Jason Sammut, li gie misjub fil-fond 116, Braret Street, B'Kara, fit-2 t'Awissu 2000, u l-original tal-istess process verbal huwa esebit fil-kawza Il-Pulizija vs Adrian Bianchi. Dan gie mmarkat bhala dokument NHZ. Giet esebita wkoll Sierra Jeep Suzuki bir-registrazzjoni CAL 534.

**A fol 113, l-imputat David Leon Madden ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Micallef Trigona u minn fuq ritratti lilu murija, gharaf lill-persuna msemmija bhala 'Il-Koku' fl-istqarrija tieghu kif ukoll dik il-persuna li jisimha Glenn ukoll imsemmija fl-istqarrija tieghu.**

Joseph Caruana, Scene of Crime Officer, esebixxa kopja tar-rapport tieghu li tinstab a fol 120 (ara dokument JC), flimkien ma' sitt (6) ritratti esebiti a fol 125A.

PC 1013 Raymond Debono, ikkonferma illi certu Matthew u t-tfajla tieghu kienu gew Braret Street, B'Kara, fil-lejl meta gie misjub mejjet Jason Sammut u bdew jistaqsu ghalih (Jason) ghax dawn kienu hbieb tieghu. Minn hemmhekk, beda jigi nvestigat Matthew Abela u gie elevat it-telefon cellulari tieghu (ara fol 126-127).

A fol 128, PC 1491 Gino Demanuele, stazzjonat id-Drug Squad, xehed illi huwa kien inghata struzzjonijiet biex

iwettaq tfittxija fir-residenza ta' Jason Sammut fil-lejl indikat fic-citazzjoni, u nnota, illi z-zewg 'mobile phones' li kienu qeghdin fil-kamra fejn instab il-mejjet Sammut, kienu qed idoqqu kontinwament, u li l-isem ta' Matthew kien qed jidher fuq iz-zewg 'mobiles'. Ftit wara huwa kien gie nfurmat illi certu Matthew Abela u t-tfajla tieghu, kienu qed jistaqsu ghal Jason ghax kien habib taghhom. Illi minn hemmhekk, is-Supretendent Neil Harrison kien ta struzzjonijiet biex issir tfittxija fil-karozza ta' dan Matthew Abela. Matthew Abela, kien filfatt ammetta li kellu fil-pussess tieghu t-telefon cellulari.

PC 657 Noel Attard, a fol 131 et seq, ikkonferma x-xhieda ta' PC 1491 Demanuele.

PC 349, John Farrugia, a fol 134, kien ukoll involut fit-tfittxija fid-dar residenzjali ta' Jason Sammut fi Braret Street, B'Kara, u kkonferma illi minn go 'waste paper basket' tal-kamra ta' Jason Sammut huwa kien eleva tlett qratas vojta kif ukoll zewg 'mobile phones'. Dawn gew elevati minn fuq l-iskrivanija mill-istess kamra.

Carmela Sammut, a fol 136, xehdet illi t-tifel taghha Jason kien irritorna d-dar fis-sebgha u ghaxra, li kielu flimkien, imbaghad kien qalilha **'ha mmur ingib il-flus mill-Bank ghax dahlitli l-paga'** u dan ghax kellu jaghti xi haga lilha u lil missieru. Sammut ikkonfermat li binha Jason kellu habib bl-isem ta' Leon u ndikat lill-imputat prezenti fl-awla. Sammut ikkonfermat illi dak il-hin kien hemm ukoll David Madden mieghu u li mbaghad hargu flimkien biex imorru jigbdu l-flus.

Carmela Sammut, a fol 139 et seq, xehdet illi binha u l-imputat Madden kienu rriturnaw, u kkonfermat li wara ftit kien gie zewgha, kienet halliet xi ftit hin jghaddi u kienet marret thabbat fuq bieb il-kamra tas-sodda ta' binha biex taghtihom pakkett Crisps, kien wegibha Leon b'vuci li kwazi ma gharfitux, u mbaghad minn hemmhekk semghet hoss kbir. Leon qalilha l-kliem **'imxi ha naraw xi gralu Jason, jien ma tajtu xejn u jien ma ghamiltlu xejn'** (ara xhieda a fol 140). Carmela Sammut tghid illi dahlet fil-kamra u sabet it-tifel taghha mixhut mal-art, xehdet li bdiet

tghajjat sabiex Madden imurilha ghat-tabib li kien joqghod ftit ‘l fuq minnhom, u **Leon Madden mar jigri ghalih**. A fol 141, Carmela Sammut tghid li hi qatt ma kienet taf li binha jew l-imputat kienu jiehdu d-drogi, u xehdet li t-tifel taghha qatt ma kellu xi kawzi mal-Pulizija u qatt ma sabitlu affarijiet in konnessjoni tad-droga fil-kamra tieghu jew fuq il-persuna tieghu. Carmela Sammut ikkonfermat illi meta binha hareg sabiex jigbed il-paga mill-ATM, kienu wzaw il-Land Rover tal-imputat Madden.

Carmela Sammut ikkonfermat li kienet cemplet lil bintha li toqghod fl-inhawi, li giet minnufih u kienet din li cemplet ghall-ambulanza. Carmela Sammut xhedet li hija kienet indunat mill-ewwel li binha kien miet. Mistoqsija ghar-rigward tat-tip ta’ hoss li kienet semghet gej mill-kamra ta’ binha, Carmela Sammut tghid is-segwenti:

**‘Jien hsibt nghidlek id-dritt jillatikaw, x’hin smajt dak il-hoss kbir hsibthom li ggieldu jiena…hoss ta’ bniedem stabat mal-art, sabbat xi haga imma hoss kbir, tisbita mal-art.’ (ara xhieda a fol 144).**

Alfred Camenzuli, a fol 145, ikkonferma r-relazzjoni tieghu u pprezenta kopja taghha dokument AC a fol 147, fejn kien ezamina u analizza l-kontenut tal-‘mobile phones’ mghoddija lilu, u wkoll l-‘incoming’ u l-‘outgoing calls’ ta’ kull wiehed (ara relazzjoni dokument AC a fol 147-161).

Josephine Galea, oht il-mejjet Jason Sammut, ikkonfermat a fol 162-168, li zewgha kien irceva telefonata minghand ommha, fejn hadet l-ahbar illi huha Jason kien hassu hazin u li ommha kienet agitata. Josephine xehdet li hija marret ghand ommha minnufih u sabet lil Jason mixhut mal-art, bi ftit raghwa go halqu, dahlet fil-kamra tal-banju u gabet ‘face cloth’ biex ixxarrablu wiccu u pruvat ittih in-nifs, imma kien kollu ghalxejn. Wara ftit giet it-tabiba, u hegget lit-tabiba biex taghmel xi haga, izda kien kollu ghalxejn. Josephine xehdet li ma kien hemm xejn fil-kamra ta’ huha Jason li kellu x’jaqsam mad-droga. Galea xehdet li hija taf lil Leon David Madden, u **tafu bhala l-akbar habib ta’ huha Jason**. Ikkonfermat li filfatt Jason kellu ‘mobile phone’ u li n-numru tieghu kien 09666642.

PS 964 Robert Scicluna, a fol 171, esebixxa r-relazzjoni tieghu.

PC 1336 Jesmond Micallef, a fol 181, esebixxa dokument JM, ir-relazzjoni minnu maghmula u mahlufa.

Perit Richard Aquilina, a fol 199, esebixxa dokument RA u halef ir-relazzjoni tieghu.

A fol 211, Profs Marie Therese Camilleri kkonfermat dokument MT a fol 213 et seq, li huwa 'post mortem report' li kien ikkonferma illi l-kawza tal-mewt ta' Jason Sammut kienet **'The cause of death of this young male is certified provisionally as being due to pulmonary oedema.**'

Dr Michael Sammut, a fol 249, Espert tat-Tossologija, esebixxa dokument MS, a fol 251, fejn jghid is-segwenti **'Monoacetylmorphine (MAN) the intermediate metabolite between heroin and morphin was detected in the blood, while only traces were detected in urine. This confirms that the origin of the morphin was heroin and not some other opiate that has morphin as one of its metabolites. Further more, the higher levels of morphine in blood than in urine and the fact that MAM was present predominantly in blood and not in the urine is very suggestive of a rapid death a few minutes after the intake of heroin.**
**Toxicology results are compatible with autopsy findings of sever congestion and pulomonary oedema strongly suggestive that death was a result of the misuse of heroin. (ara fol 251 u 252).**

Joseph Zammit, a fol 254, ikkonferma r-relazzjoni tieghu dokument JZ a fol 257-268.

WPS 102 Ruth Magro, a fol 270, xehdet illi hija kienet accediet fil-fond ta' Jason Sammut wara li kienet giet infurmata li kien hemm kaz ta' 'overdose' fejn osservat lil Jason Sammut mixhut mal-art mejjet, u **osservat ukoll lill-imputat Leon David Madden li kien ukoll ittiehed l-**

**isptar 'ghax kien overdosed ukoll, pero' kien ghadu haj.'** WPS 102 ikkonfermat illi kienu ghamlu tfittxija fil-kamra ta' Jason Sammut, u gew elevati diversi affarijiet relatati mad-droga, fosthom erba' siringi, pakkett 'citric acid', landa tat-tabakk li kien fiha zewg pakketti sigaretti, bicca blokka minn go 'locker', u disghin Lira Maltin (Lm90) f'cash fejn il-'computer', u zewg 'mobile phones' tal-marka Erikson. Minn god-'dustbin' gew elevati tlett iqratas li kienu vojta, u dawn kollha gew ipprezentati u mghoddija lill-esperti nominati u lill-Magistrat Inkwirenti.

A fol 279, PC 516 Alfio Borg esebixxa erba' ritratti dokument AB1-4.

Marica Caruana, a fol 285, Deputat Registratur, esebiet dokument MS1, a fol 288, li hija kopja tar-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri li kienet giet esebita fil-process Il-Pulizija vs Adrian Bianchi. Esebiet ukoll CD dokument MS2 kif ukoll dokument MSX li hija kopja tar-relazzjoni tieghu bil-kulur.

Dr Joseph Scicluna, a fol 366, ikkonferma illi huwa kien acceda fil-fond 116, Braret Street, B'Kara u dan wara li kien diga' mar zewg indirizzi ohra qabel stante li kien inghata l-indirizz zbaljat mill-Casualty. Meta wasal, l-ambulanza kienet diga' waslet u n-'nurse' qaltlu li l-pazjent kien diga' miet b'overdose. Dr Scicluna kkonferma wkoll illi persuna ohra kienet ittiehdet fl-ambulanza ghall-isptar ghall-kura minnufih, illi dan il-persuna ma kienx mitluf minn sensih pero' dak il-hin ma setghetx tidentifika lil imputat.

Caroline Demarco, a fol 373, rapprezentanta tal-Vodafone, ikkonfermat li ma setghetx taghti nformazzjoni dwar in-numri tal-'mobile phones' li giet mghoddija mill-Pulizija, stante li dawn kienu E-Talk u li f'dan il-kaz il-klijent kien iddecieda li ma jirregistrax il-partikolaritajiet tieghu.

Rat il-'pre-sentencing report' tal-Probation Officer Ivan Sultana u x-xhieda tieghu a fol 404, u l-'pre-sentencing report' dokument IS a fol 407-424. F'dan ir-rapport, il-Probation Officer ta skeda tal-progress kollu li ghamel l-

imputat, u l-manjiera li fih irrijabilita' ruhu mid-dipendenza fuq id-droga, u zied jghid li piena karcerarja setghet tkun ta' dannu ghal dan il-progress, u jekk tigi mposta, tkun fil-minimu possibli (ara fol 419).

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda fuq indikata, jirrizultaw ikkontestati dawn il-fatti:
(1) illi Jason Sammut u Leon David Madden kienu ddeciedu li ser jiehdu 'a final hit';
(2) illi Jason Sammut mar fl-ATM sabiex jigbed il-flus sabiex jixtri din id-droga, (u dan gie konfermat minn ommu stess), izda meta ra l-queue, rega' bdielu;
(3) illi Adrian Bianchi (il-Koku) it-traffikant, gie kuntattat mill-'mobile' ta' Madden, li Madden hallas ghoxrin Lira Maltin (Lm20) ghal zewg 'sachets' ta' eroina, li pero' gew mghoddija f'idejn Jason Sammut;
(4) Jason Sammut ghadda wahda mis-'sachets' lil Madden;
(5) Madden sajjarha u poggiha go zewg siringi;
(6) Jason Sammut injetta lil Madden li mmedjatament hassu hazin;
(7) Jason Sammut injetta lilu nnifsu;
(8) meta Madden stejqer u nduna bis-sitwazzjoni ta' Jason Sammut, mill-ewwel qam u sejjah ghall-ghajjut.

Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha ta' pussess ta' droga, kemm dik ta' eroina, kif ukoll ta' cannabis, u kif ukoll ghall-akkuzi ta' traffikar ta' droga cannabis.

Illi ghaldaqstant, il-Qorti ser tiffoka l-ezami taghha fuq l-ewwel akkuza, u cioe' dik ta' traffikar ta' eroina, u l-ahhar akkuza, cioe', dik taht l-Artikolu 225, omicidju nvolontarju.

Il-Prosekuzzjoni ticcita s-sentenza Il-Pulizija, Spettur Mario Bartolo vs Richard Grech, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, mill-Imhallef Onor. Vincent De Gaetano fil-21 ta' Marzu 1996 u talbet lill-Qorti tistrih fuqha bhala gwida ghal dan il-kaz.

Il-fatti speci ta' dan il-kaz, pero' kuntrarjament ghal dak li jinghad mill-Prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet tieghu, Paragrafu 30, ma jaqblu xejn mal-fatti speci evidenti fil-kawza in ezami. F'dak il-kaz, Richard Grech l-imputat, kien forna d-droga eroina lil Derk Fenech li sussegwentement miet, minghajr ma rcieva hlas minghand Derk Fenech. Kien fornixxa din id-droga eroina lil Fenech minkejja l-fatt li inizjalment hass li ma kellux jaghmel dan, u dan ghar-raguni li Fenech kien jidher li kien donnu speedjat, kien qal lill-imputat Grech li kien ilu jiehu l-kokajina dakinhar, u minkejja l-fatt li kien jidher li kien xorob xorb alkoholiku.

Illi minkejja dan kollu, l-imputat Grech kien ghadda l-eroina lil Fenech, haduha flimkien, u meta nduna li Derk Fenech kien intilef minn sensih, l-imputat kien saq lura fejn il-Yacht Marina, **hallih fejn il-karozza jilgheb**, u mar icempel ghall-ambulanza minn 'telephone booth'. **L-isptar ma kellhom ebda tracca ta' din il-kosidetta telefonata**. Minn hemmhekk, l-imputat Grech kien mar id-dar u raqad. L-ghada filghodu, l-imputat Grech kien mar fis-sit fejn kien halla lil Derk Fenech u meta ra li kien ghadu fil-karozza, rega' cempel l-isptar.

Illi dan ix-xenarju ma jaqbel assolutament xejn ma' dak li jiddeskrivi l-imputat Leon David Madden fl-istqarrija tieghu. Irid jinghad f'dan il-kuntest li x-xhieda principali ta' dak li gara ftit qabel ma' miet Jason Sammut **gew infatti provduti mill-istess imputat Madden fl-istqarrija dettaljata tieghu**. Din l-istqarrija nfatti hija x-xhieda ewlenija u principali tal-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-istess imputat. Di piu' il-Qorti ma tistax ma taghmilx emfasi ghal fatt illi l-istqarrija tal-imputat taqbel max-xhieda li tat Carmela Sammut, omm il-mejjet Jason li certament ma jista' jkollha ebda raguni ghaliex ghandha tiffavorixxi lill-imputat Madden.

Illi in oltre, fis-sentenza Il-Pulizija vs Sabrina sive Rine Borg et, deciza mill-Imhallef Vella fil-31 ta' Lulju 1998, lanqas ma tinkwadra l-fatti speci tal-kaz in ezami, stante

illi si tratta ta’ traffikar klassiku da parti tal-imputati lil Kevin Calleja li sussegwentement miet.

Ikkunsidrat:-

Illi l-kaz in ezami non si tratta ta’ traffikant ta’ droga li jinfornixxi droga lill-vittma li sussegwentement miet mal-ikkunsmar tal-istess droga. Ghall-kuntrarju, dan il-kaz si tratta ta’ zewg zghazagh li flimkien u fl-istess hin iddecidew li jakkwistaw id-droga eroina u jikkunsmawha flimkien. Illi f’dan il-kaz, l-imputat David Madden jikkonferma dan kollu, isostni illi Jason Gatt ried jixtri bi flus tieghu din id-droga eroina, illi ghal dan il-ghan qal lil ommu, li kkonfermat independentement, li kien ser imur jigbed il-paga tieghu mill-ATM; illi marru flimkien biex jaghmlu dan, u meta raw il-queue tan-nies, Jason Sammut kien rega’ bdielu, u kien hemmhekk illi Madden offra li jhallas bil-flus tieghu stess.

Illi l-fatt li Madden hallas minn flusu l-ghoxrin Lira Maltin (Lm20) li akkwistaw iz-zewg pakketti eroina, hija kompletament incidentali ghall-kaz, wara d-decizjoni li kien ha Jason Sammut biex jakkwista u jikkonsma din id-droga, flimkien mal-imputat.

Irid jinghad ukoll illi l-fatt illi l-imputat kien il-persuna li sajjar u pprepara l-morfina, hija wkoll incidentali tad-decizjoni ta’ Jason Sammut biex jakkwista u jikkonsma d-droga, stante li z-zghazagh kienu ga ftehmu li Jason Sammut kien ghandu jinjetta lil Madden waqt li Madden kellu jinjetta lil Sammut. Gara pero’, illi malli Jason Sammut injetta lil Madden, l-istess Madden intilef minn sensih, tant kemm kienet qawwija d-droga eroina li kienu akkwistaw.

Infatti, fil-kaz Il-Pulizija Spettur Norbert Ciappara vs Paul Borg, deciza fil-11 ta’ Settembru 2000, mill-Magistrat Dr Noel Cuschieri jinghad is-segwenti:

*‘Fit-tieni lok, id-decizjoni li dawn jabbuzaw mid-droga kienet wahda kollettiva, u l-konsum ta’ dawn it-tlieta sar fl-istess hin. Il-fatt li kien l-imputat li sajjar id-droga fil-*

*prezenza tal-ohrajn, jidher illi kien wiehed purament incidentali, u ma jikkontjenix l-estremi tar-reat ta' traffikar.'*

Hekk ukoll gie konfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza Il-Pulizija Spettur Norbert Ciappara vs Ryan Galea, deciza fil-25 ta' Novembru 1999. F'dak il-kaz kien irrizulta li Ryan Galea flimkien mat-tfajla tieghu kienu ddecidew li jixtru d-droga cannabis flimkien. Il-flus ghal din id-droga kienet hargithom it-tfajla, l-gharusa ta' Ryan Galea, dawn kienu marru bil-karozza ta' Galea, xtraw id-droga li giet mghoddija f'idejn Ryan Galea, li hallas bi flus li kienet tatu l-gharusa tieghu…*'U meta ha d-droga hu ghaddielha parti minnha stante li dik id-droga mixtrija minnhom flimkien kienet intiza ghat-tnejn li huma*'.

Anke f'dan il-kaz, dik il-Qorti kienet tal-fehma li l-fatti speci ma jwasslux sal-estrem ta' traffikar ta' droga da parti ta' Ryan Galea, *'mhux kaz ta' xeni ta' droga, fis-sens li hu biss ga kellu d-droga, kien xtraha jew ottjeniha hu biss u ta minnha lil terzi. Il-fatti rizultanti ma jinkwadrawx ruhhom fl-elementi kompleti rikjesti ghat-traffikar ta' droga, izda semplicement ta' pussess illegali taghha.'*

Illi mbaghad, fis-sentenza Il-Pulizija Supretendent Neil Harrison, Spettur Norbert Ciappara, Spettur Abraham Zammit vs Claire Farrugia, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu 2005, mill-Imhallef Joseph Galea Debono, fil-kaz kontra l-imputata Claire Farrugia, il-Qorti tal-Appell Kriminali ibbazat ukoll ruhha fuq l-insenjament ta' Pulizija vs Ryan Galea, u qablet ukoll li ma jinkorrux l-estremi u l-ingredjenti guridici sabiex tigi sorretta l-akkuza ta' traffikar kontra l-imputata Farrugia. Anke fil-kaz kontra Claire Farrugia, il-fatti speci tal-kaz kienu juru li hi u Magro kienu ddecidew flimkien li jakkwistaw u jiehdu d-droga, *'Li Magro ghaddielha l-flus biex l-appellanta setghet takkwista s-sostanza, u li kien hu stess li gab is-siringi. Kien ukoll maghha fil-vicinanzi jistenniha meta akkwistat id-droga. Ghalhekk Magro kien komplici maghha kemm fl-akkwist kif ukoll biex ittiehdet is-sostanza. Illi ghalkemm hu minnu l-appellanta, fl-istqarrija taghha, semmiet li hija amministrat id-droga lil Magro, il-kelma amministrazzjoni trid tittiehed fil-kuntest ta' kif graw l-affarijiet. Fil-Ligi*

*m'hemmx definizzjoni ta' amministrazzjoni u ghalhekk ghandha tinghata d-definizzjoni restrittiva mhux wahda ghal kollox wiesa'. Illi anke jekk l-appellanti setghet injettat is-sostanza lil Leonardo Magro, dan il-fatt ghandu jittiehed fid-dawl li s-sostanza giet ko-akkwistata u allura mhux konsegwenza ta' reat ta' traffikar.*

*Dan ifisser li l-appellanti ma amministratx fis-sens tekniku li trid il-kelma, izda kien hemm kontinwazzjoni ta' avvenimenti li beda mill-fatt li Magro kien flimkien mal-appellanti, qieghed ihejji biex jikkoakkwista' din is-sustanza. U s-sensiela ta' avvenimenti kellhom traettorja wahda – li jakkwistaw flimkien, li jiehdu flimkien, din is-sustanza.*

Illi l-Artikolu 22(1B) tal-Kap 101 jaghti t-tifsira tal-kelma 'jittraffika': *li 'tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni, dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' formazzjoni ntiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur ta' din l-Ordinanza.'*

Illi di piu', mill-Gurisprudenza nostrali johrog car illi sabiex ikun hemm 'is-sharing' li jammonta ghat-traffikar, irid ikun hemm il-fatti speci li **wiehed ikollu d-droga u jqassamha ma' xi hadd jew li jippermetti lil haddiehor li juza' minnha, anke minghajr hlas jew korrispettiva**. (ara Appell Kriminali Pulizija vs Marvin Cachia, deciza fis-26 t'Awissu 1998, Pulizija vs Martin Pirotta, deciza fil-15 ta' Dicembru 1998 u Pulizija vs David Gatt deciza fil-11 t'April 2002).

Huwa evidenti illi sabiex jiskatta tali 'sharing', l-akkuzat irid ikollu fil-pussess tieghu d-droga, imbaghad iqassamha jew jikkunsinnaha lil haddiehor.

Fil-kaz in ezami, id-droga ghalkemm mixtrija ncidentalment bi flus l-imputat Madden, giet moghtija fizikament minn Adrian Bianchi f'idejn Jason Sammut, li

mbaghad ghadda wiehed mis-‘sachets’ lil David Madden. Izda fi kwalunkwe kaz, tali droga kienet mixtrija flimkien ghal uzu flimkien. Infatti jidher car li s-siringi u l-accessorji l-ohra sabiex tintuza’ d-droga kienu kollha fil-kamra tal-mejjet Jason Sammut.

Illi ghalhekk fil-kaz tal-imputat Madden, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-fatti speci tal-kaz jindikaw b’mod car u limpidu illi si tratta ta’ ko-akkwist u ko-ikkunsmar ta’ droga eroina mill-imputat Madden u l-mejjet Jason Sammut.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza u qed tilliberah minnha.

Illi ghar-rigward tal-akkuza ta’ omicidju nvolontarju, ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kap 9, din il-Qorti rat u ezaminat bir-reqqa l-hsieb tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs Richard Grech, deciza fil-21 ta’ Marzu 1996, u jidher car tabilhaqq illi dik il-Qorti kienet tat dak il-piz xieraq ghall-fatt illi l-imputat kien abbanduna lil Derk Fenech fil-karozza tieghu meta irrejalizza li dan kien ‘intelaq ghal mejjet’, hallih fil-karozza tieghu f’post imwarrab u cioe’ l-Yacht Marina, (jghid illi cempel ghall-ambulanza minn ‘telephone booth’), u mar id-dar jorqod.

Illi anke fil-kaz citat mill-Ufficjal Prosekutur sabiex jissostanzja l-kaz in ezami, il-ko-akkuzat Stephen Zammit (li kien akkwista u kkonsma d-droga flimkien mal-vittma llum mejjet Calleja), kien abbanduna lill-istess Calleja (meta dan intilef minn sensih wara l-ikkunsmar tal-eroina), go ghalqa fl-Iklin (ara fol 261).

Dan l-abbandun ghal mewta kerha u solitarja, minhabba biza’ tremenda ghal konsegwenzi legali kienet certament wahda mir-ragunijiet principali ghal piena nflitta fiz-zewg kawzi citati.

Illi l-kaz in ezami huwa kompletament differenti u hemm xhieda ta’ Carmela Sammut, omm il-mejjet Jason Sammut li certament ma ghandha ebda raguni ghalfejn tiddefendi lill-imputat, anzi ghall-kuntrarju. Anke din ix-xhud qalet li kien l-imputat Madden illi attira l-attenzjoni li Jason

Sammut kien hassu hazin u kien jehtieg assistenza medika, u kien hu stess, minkejja illi kien ukoll affetwat b'mod serju bis-sustanza li kienet qatlet lil siehbu Jason Sammut, illi mar jghajjat lit-tabib li kien joqghod ftit 'l fuq mid-dar residenzjali tal-familja Sammut.

Il-Qorti rat u apprezzat l-istudju konsiderevoli tal-kuncetti u l-elementi essenzjali tal-omicidju nvolontarju mahsub taht l-Artikolu 225 tal-Kap 9, u cioe' l-konkorrenza ta' kondotta volontarja, negligenza konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni jew ta' hila (imperizja), fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet jew simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz involontarju.

In oltre, din il-Qorti tapprezza li t-tejorija klassika u tradizzjonali mnissla mill-Carrara, giet repetutament accettata u prattikata mill-Qrati nostrali, li jezigu li l-element essenzjali fid-delitt kolpuz, - cioe' dak tal-prevedibilita' tal-event mhux volut - hija wahda soggettiva.

Illi di piu', fis-sentenza Il-Pulizija vs Richard Grech, deciza fil-21 ta' Marzu 1996, gie insenjat li sabiex tregi l-kulpa hemm biss zewg elementi:
(a) l-agent huwa l-kawza efficjenti jew effettiva tal-event
(b) li l-kondotta tieghu jew il-mezz minnu adoperat huwa kontra l-ligi.

Illi huwa abbastanza car, fil-fatti speci tal-kaz, illi l-agent li kien il-kawza effettiva u efficjenti tal-mewt ta' Jason Sammut, kien biss l-istess Jason Sammut fid-decizjoni tieghu li jakkwista u jikkonsma d-droga eroina, u semmai, Adrian Bianchi li minn ghandu giet mixtrija din id-droga.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat Leon David Madden mhux hati tal-ahhar akkuza u minnha tilliberah.

Illi ghaldaqstant, u fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza (b), (c), (d), (e) u (f), u wara li rat l-Artikoli 8(a)(b) tat-Taqsima 3 tal-Kap 101, id-

dispozizzjonijiet tar-Raba’ u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101, Regolament 8 tal-Avviz Legali 292/1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, kif amendat sussegwentement, Artikolu 8(d) tal-Kap 101, Regolament 5 sub-inciz 1 tal-Avviz Legali 22/1985, kif amendat, u Artikolu 40A u 120A, u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 16 tal-Att 5 tal-1985 kif amendat, tikkundanna lill-imputat ghal **sitt xhur prigunerija**, ai termini tal-Artikolu 22(2)(b)(i) u **multa ta’ hames mitt Lira Maltin (Lm500).**

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, inkluz l-sforz li l-imputat ghamel biex jeghleb id-dipendenza tieghu fuq id-droga, u l-investiment personali li ghamel biex isib xoghol regolari, il-‘pre-sentencing report’ tal-Probation Officer Sultana u l-fatt illi l-imputat jimmerita ghat-tnaqqis tal-piena, ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kap 101 u dan billi l-Qorti hija sodisfatta illi l-imputat ghen lill-Pulizija sabiex jinqabad il-persuna li pprovda l-eroina lil mejjet Jason Sammut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------